MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Numru 821/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR**
**VS**
**DANIEL DALLI**
**PAUL DALLI**
**VINCENZA DALLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Daniel Dalli, ta’ 66 sena, bin il-mejjet Angelo u Katerina nee’ Busuttil, imwieled Safi nhar il-5 t’Ottubru 1934 u residenti Marija Bambina, Triq San Gwann, B’Bugia u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 705034(M); Paul Dalli, ta’ 30 sena, bin Daniel u Vincenza Dalli, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Frar 1970 u residenti Farmhouse, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, B’Bugia, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 85870(M); u Vincenza Dalli, imwielda z-Zurrieq nhar it-3 ta’ Marzu 1930 u residenti Maria Bambina, Triq San Gwann, B’Bugia u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-

numru 155630(M), u akkuzati talli fid-29 ta’ Settembru 1999, u ghal perjodu ta’ tlett xhur mid-29 ta’ Settembru 1999 ‘l quddiem, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Giuseppa Cassar, persuna anzjana b’dizabilita’, kontra l-volonta’ taghha, bi ksur tal-Artiklu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, cioe’ fid-29 ta’ Settembru 1999 u matul it-tlett xhur ta’ wara, bi hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu, bl-awtorita’ taghhom infushom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun lit kun, jew fixklu lil Giuseppa Cassar fil-pussess ta’ hwejjigha, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor jigifieri ta’ Giuseppa Cassar, u dan bi ksur tal-Artiklu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Skond ix-xhieda tal-kwerelanti Carmel Cachia, jirrizulta illi kien informat minn Nikol Cutajar illi omm il- kwerelant u cioe’ Giuseppa Cassar ta’ 77 sena, kienet giet imsakkra fid-dar taghha ghal xaharejn mit-tfal taghha, l-imputat Daniel u l-familja tieghu, cioe z-zewg imputati l-ohra. Illi ghalhekk huwa kien mar ikellem lil ommu u acceda ghad dar go Giuseppa Cassar mill-bieb tal-garaxx:

*“U sakemm dhalt dan Daniel Dalli baqa mieghi u ma setghetx tghidli certu affarijiet.”* (ara xhieda fol.19)

Cachia (a fol.18 et seq.) xhed illi baqa ghand ommu ghal saghtejn shah. Qal illi ommu raha mbezza imma ma qaltlu xejn. Tlett gimghat wara, Cachia ha l-ahbar li ommu kienet qed tigi mhedda u ghaldaqstant rega’ zar lil ommu fir-razzett fejn kienet tghix hi u sab il-familja kollha ta’ Daniel Dalli prezenti. Dawn kienu qeghdin fuq il-parti ta’ barra tar-razzett. Cachia jkompli jghid:

*“Jigifieri mbaghad jiena ftaht ix-xatba u dhalt u mall-ewwel mort fuq Vincenza u ghidtilha ‘Ommi gralha xi haga?’”* (ara fol.21)

Cachia xhed illi ha r-risposta fin-negattiv minghand Vincenza Dalli (l-imputata) u mar ikellem lil ommu. Cachia jghid illi Giuseppa Cassar infurmatu illi kienet giet imsakkra mill-imputati u ma setghatx tikkuntatjah. Illi huwa talab il-protezzjoni tal-Pulizija. Cachia jispjega illi l-Pulizija ma hadux passi u ghalhekk huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa ta’ Birzebbugia u sahansitra mar jaghmel kwerela ghand l-avukat tieghu.

Mitlub jghid jekk rax xi agir minaccjuz da parti ta’ l-imputati fuq ommu Giuseppa Cassar, Cachia xhed illi kien ra lil Daniel Dalli jhabbat mat-tieqa tal-kamra tas-sodda ta’ ommu.

Cachia xhed illi meta kien imur izur lil ommu, l-imputati kienu jibqghu ghassa sakemm johrog minn dar ommu. Cachia jistqarr (a fol.24) illi x-xatba li taghti ghar-razzett ta’ ommu kienet giet imsakkra u kienu fethuha l-Pulizija. Qal ukoll illi ommu *disabled* u ma tantx tista’ timxi.

Nikol Cutajar xhed illi huwa ma jigi xejn minn Giuseppa (Giuseppa) Cassar u li sar jafha biss fl-ahhar tan-1989. Xhed illi din ix-xwejha kellha razzett illi fih kienet rabbiet it-tifel ta’ ohtha u cioe Emanuel Cachia illi miet b’dizgrazzja. Xhed illi huwa kien habib ta’ Giuseppa Cassar u tal-mejjet Emanuel Cachia u li kienu jmorru ghandha sikwiet. Illi fil-bidu ta’ Novembru 1999 beda jsib ix-xatba maghluqa u ghaldaqstant ma setghux jidhlu u ghaldaqstant kien issoppona li setghet giet rikoverata l-isptar jew *St. Vincent*

*De Paul.* Nikol Cutajar xhed illi wara l-mewt ta’ Emanuel Cachia, ix-xwejha Giuseppa Cassar talbet lil Cutajar jintraccalha lil binha naturali Charlie Cachia illi ghamel hajtu f’orfanatrofju. Ghal habta ta’ Marzu, Nikol Cutajar sab lil Charlie Cachia. Fil-bidu ta’ Frar 2000, Cutajar xhed illi pprova jaccedi ghal razzette ta’ Giuseppa Cassar, pero ma setghax jidhol il-ghaliex ir-razzett kien imdawwar b’hajt u bil-*wire netting.* Ra lil Giuseppa Cassar fit-tieqa:

*“U dak il-hin kienet qeghdha twerzaq u fil-fatt kien hemm boghod forsi ghoxrin pied fil-gate sa fejn kienet it-tieqa hi u sejjahtilha u qaltli, ‘Ghax jiena ilni maqfulha hawnhekk, ilni tlett xhur maqfulha hawnhekk qeghdha bil-guh,’ qaltli.”* (ara xhieda a fol.29 u fol.30)

Nikol Cutajar xhed illi hu staqsiha jekk kemm il-darba riditux jaghmel rapport l-Ghassa u rrispondietu fl-affermattiv u hekk ghamel. Cutajar xhed illi din ix-xwejha kellha memorja tajba. Cutajar xhed illi sahansitra kienu gew il-*Welfare Officers* fuq il-post u anke WPS 24. A fol.32, Cutajar jghid illi x-xatba kienet maghluqa bil-firroll u l-katnazz. Fil-bidu ta’ April huwa kien rega’ mar izur lil din ix-xwejha u *“Sparaw fuqna.”* Ix-xhud ma setghax jghid minn spara dan it-tir u qal illi hadd ma ntlaqat u li bdew jibzghu johorgu barra u ghalhekk regghu ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija mas-Surgent 94 Camenzuli. Ix-xhud xhed illi l-Pulizija ma hadux passi u ghaldaqstant sar protest gudizzjarju. Nikol Cutajar xhed illi huwa nforma lill-Ispettur Maria Stella Cutajar illi kien ser jaghmel katina ghas-sikurezza ta’ Giuseppa Cassar u li l-istess Spettur qaltlu illi ma kellu l-ebda dritt illi jaghmel dan. Mitlub (a fol.35) kemm il-darba jmur izur lil Giuseppa Cassar, jghid li kien imur kull *weekend* u kull meta seta’. Nikol Cutajar xehed illi l-ahhar darba li zar lix-xwejha Cassar fil-bidu ta’ Novembru, ma kienx sab il-bieb imsakkar, kien biss fi Frar, illi sab lix-xwejha fit-tieqa u ghamel dak li kellu jaghmel (ara fol.38), ikkonferma illi sa Novembu huwa kellu jidhol bil-karozza b’kollox mix-xatba ghar-razzett ta’ Giuseppa Cassar. Nikol Cutajar xhed illi dan kien kaz pjetuz il-ghaliex l-iben naturali ta’ Cassar ma kellu lil hadd. A fol.39, Cutajar ikkonferma illi Emanuel Cachia u Giuseppa Cassar, kellhom residenza separata imma vicin

ta' xulxin (ara xhieda a fol.40 u fol.41) stante li kienu inghataw kumpens ghar residenza antika taghhom mill-*Freeport*. Mitlub jghid x'kienet taghtu Giuseppa Cassar fi flus, ghamara antika u arloggi, x-xhud Nikol Cutajar (a fol.44) wiegeb illi ma kienet taghtu xejn.

Aktar tard fix-xhieda tieghu, Nikol Cutajar xhed li kien sdilef lil mejjet Emanuel Cachia elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800) u li Emanuel Cachia sab diffikulta ihallsu u ghaldaqstant kien beghelu l-arlogg ta' Giuseppa Cassar u kienu ftehemu ghal prezz ta' tmien mitt lira (Lm800) li gie maqtugh mid-dejn. Mitlub jghid jekk martu qatt talbitx lil Giuseppa Cassar ghal xi ghamara, Nikol Cutajar jirrifjuta ghal darbtejn illi jirrispondi u fl-ahhar jghid illi meta kien ghadu haj, Emanuel Cachia kien jghidlu:

*"Li meta tmut zijtu (Giuseppa Cassar) kellu gredenza, illi din il-gredenza kien bi hsiebu jaghtihielna."*

Mitlub jghid kemm il-darba martu qatt talbet lil Giuseppa Cassar ghal gredenza antika, Nikol Cutajar (a fol.47) jerga' ma jirrispondix id-domanda, imbaghad jghid illi kienet l-istess Giuseppa Cassar illi qaltilhom illi Emanuel kien weghedielhom u li:

*"Wara li mmut jien ghamel li trid, biss dik weghedha lil dawn."*

A fol.49, Nikol Cutajar, xhed illi Giuseppa Cassar, wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, ma kinitx tiddejjaq illi Paul Dalli jorqod ghandha ghal wens. Nikol Cutajar xhed (a fol.50) illi Giuseppa Cassar qatt ma tefghet xi tort fuq Paul Dalli. Xhed ukoll illi Vincenza Dalli, l-imputata, kienet ukoll tmur izzurha, tiehu shieba u tnaddfilha. Cutajar xhed illi Giuseppa Cassar kienet tilmenta illi Vincenza u Daniel Dalli kienu jaghmlu l-hsejjes bil-lejl. Mitlub jghid kemm il-darba, kienx veru, li f'dan ir-razzett kien hemm kwantita' ta' annimali u raba konsiderevoli u min kien il-persuna illi kien jindukrahom, Nikol Cutajar xhed (a fol.53) illi dawn kienu jindukkrahom l-imputati. Mitlub jikkonferma jekk kienex hemm jghid erbghat itmiem raba mar-razzett li

kienet tghix fih Giuseppa Cassar, Nikol Cutajar xhed illi kien hemm 3.75-il tomna.

Spettur Maria Stella Cutajar (a fol.56) ipprezentat il-kwerela ta' Carmel Cachia u Giuseppa Cassar Dok.K1 u Dok.K2 u process Dok.K3. Gie ezebit Dok.MS1 stqarrija ta' l-imputat, Paul Dalli (a fol.59 et seq.), l-istqarrija ta' l-imputata, Vincenza Dalli Dok.MS2 (a fol.64 et seq.) u l-istqarrija ta' Daniel Dalli Dok.MS3 (a fol.66 et seq.).

L-imputat Paul Dalli, iben l-imputati Daniel u Vincenza, stqarr illi huwa kien jghix fir-razzett meritu ta' l-akkuza minn meta kien miet huh Emanuel Cachia u dana sabiex ikun jista' jindokkra liz-zija tieghu Giuseppa Cassar u dana fuq talba ta' l-istess Giuseppa Cassar wara l-mewt ta' Emanuel. Stqarr illi r-razzett kien ta' huh, Emanuel Cachia, Paul Dalli stqarr illi ricentement Giuseppa Cassar kienet daret kontra tieghu u bdiet theddu illi ser taharqu fis-sodda u li hu ghamel rapport lil Pulizija dwar dan il-ghaliex kienet persuna anzjana. Innega illi Cassar kienet tibza' minnu. Ikkonferma illi x-xatba kienet tinghalaq b'lukkett u li kien jidhol ghal garaxx bic-cavetta. Illi ghal parti tar-razzett fejn kienet tghix Giuseppa Cassar dan il-bieb kien jinghalaq bic-cavetta u kienet isakkru minn gewwa. Ikkonferma illi la hu u lanqas il-genituri tieghu qatt ma ghamlu xejn fil-konfront ta' Giuseppa Cassar u li kemm hu u l-genituri tieghu dejjem ghenu lil Cassar mill-ahjar li setghu. Kienu jixtrulha u jaqduha izda hi kienet isajjar, waqt li ommu Vincenza kienet tmur tahslilha. Huwa stqarr li dan l-ahhar Cassar kienet qed tumbrahom.

Paul Dalli kkonferma li kien ha debba mir-razzett, u din kienet propjeta ta' huh Emanuel u li kien bieghha. Huwa konferma li ma ghamel xejn aktar. Mitlub jispjega dwar il-katnazz, Paul Dalli ghazel li ma jwegibx. Innega li qatt kellu xi jghid ma' Doris Camilleri jew li qatt zamm lil Giuseppa Cassar milli taghmel xi haga.

Vincenza Dalli, fl-istqarrija taghha, ghazlet li ma twegibx ghal diversi domandi, izda kkonfermat illi hija ghandha access ghal razzett meritu ta' l-akkuza il-ghaliex ghandha ammont konsiderevoli ta' bhejjem illi hija tindokra u li x-

xatba li taghti access ghal dan ir-razzett tissakkar biss b'firroll. Ikkonfermat illi hija kellha kwistjoni ta' Doris Camilleri u li kienu qeghdin il-Qorti fuq din il-materja.

Daniel Dalli, dwar il-propjeta' meritu ta' l-akkuza, kkonferma li r-razzett kien ta' ibnu u li hu kien ilu f'dan ir-razzett sa minn tmien snin qabel il-ghaliex kien jaghlef il-bhejjem u jindokra l-ingenji illi hemm fl-istess razzett u li dejjem kellu relazzjoni tajba ma' Giuseppa Cassar. Din ir-relazzjoni nbiddlet meta beda jzurha binha n-naturali taghha, Charles Cachia u cioe sena qabel ma beda l-inkwiet. Ghazel li ma jirrispondix domandi dwar il-katnazz. Daniel Dalli kkonferma illi ibnu wkoll kien beda jmur jorqod f'dan ir-razzett ghax talbitu l-istess Giuseppa Cassar wara l-mewt ta' Emanuel Cachia. Daniel Dalli kkonferma wkoll illi dan ir-razzett kif ukoll l-akwati kien propjeta' ta' ibnu Emanuel Cachia. Ikkonferma illi kien gie mwissi mill-Pulizija u li huwa, fuq parir ta' l-avukat tieghu, baqa' jaccedi ghar-raba fir-razzett, izda ma kienx ikellem jew javvicina lil Giuseppa Cassar. Ikkonferma li kien hemm hafna nies li kienu jzuru lil Giuseppa Cassar, inkluz il-qassis, tal- hobz, tal-petrolju u nies ohra. Ikkonferma li huwa qatt ma ghamel xejn lil Giuseppa Cassar. Daniel Dalli kkonferma illi huwa kien jaf lil Giuseppa Cassar ghal zmien twil il-ghaliex hu kien jinnamra maghha qabel martu u kien baqa' jghinha sakemm ma miet ibnu u anke wara. Sussegwentement Giuseppa Cassar bdiet tqabbad il-barranin u beda jinnota illi kienet qed tohrog mid-dar b'basktijiet mimlijin u beda jissuspetta li qed taghti xi affarijiet lit-tifel naturali taghha Charles Cachia. Daniel Dalli kkonferma illi f'dan ir-razzett kien hemm hafna mobbli u fajjenzi antiki illi kienu propjeta' ta' ibnu l-mejjet Emanuel Cachia. Daniel Dalli kkonferma illi huwa kien battal xi affarijiet minn gol-*garage* izda ma mess xejn illi kien hemm fil-parti tar-razzett fejn kienet qed tghix Giuseppa Cassar. Daniel Dalli xhed illi huwa ma ghandux senter u ghazel li ma jwigibx ghal diversi domandi.

Reverend Joseph Berry xhed (a fol.74 et seq.) illi hu kien jiehu hsieb ta' l-*area* tal-Benghajsa u li kien imur iqarben lil Giuseppa Cassar fir-razzett taghha u li dak iz-zmien kienet tiftahlu t-tifla ta' l-imputat Daniel Dalli, li jisimha

Carmen. Precedentement huwa kien isib ix-xatba miftuha. Father Berry kkonferma illi mbaghad kien hemm rixtellu bil-katnazz. Father Berry xhed (a fol.76), illi qatt ma sab problemi biex jidhol. Mitlub jghid jekk kemm-il darba Giuseppa Cassar qatt talbitux assistenza, Father Berry ma setghax jitkellem. Mitlub jghid jekk kemm-il darba qattx rahiex ecitata jew imbezza, Father Berry xhed li wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, Giuseppa Cassar kienet tkun skonvolta hafna. A fol.78, Father Berry xhed illi gieli ghadda minn quddiem dan ir-razzett u ra katnazz fuq il-kancell. In kontro ezami, Father Berry xhed illi qatt ma kien prekluz milli jidhol jara lil Giuseppa Cassar u qatt ma sab ostakolu biex jaghmel dan liberalment. Father Berry xhed illi kien jaf illi fir- raba' kienu jinzammu annimali u dana specjalment meta kien ghadu haj Emanuel Cachia. Mitlub jirrispondi diversi domandi, Father Berry xhed li ma setghax jaghmel dan il-ghaliex kien marbut bis-sigriet tal-Qrar.

A fol.81, Spettur Maria Stella Cutajar, ikkonfermat illi kienu saru diversi rapporti dwar l-anzjana Giuseppa Cassar li kienet tirrisjedi go *Farmhouse*, Triq il-Madonna tal-Kuncizzjoni, Birzebbugia. Illi kienet qed tigi mdejjqa. Spettur Maria Stella Cutajar xheded illi dan ir-rapport sar minn Ex Assistent Kummissarju Nikol Cutajar fejn allega illi r-rixtellu ta' barra tal-pont ta' Giuseppa Cassar, kien qed jigi msakkar u kien qed jallega illi l-anzjana Giuseppa Cassar kienet qed tigi llegallment arrestata u mizmumha f'dik ir-residenza u li x'aktarx li il-katnazz kien sar mill-imputat Daniel Dalli. Il-Pulizija kienet hadet azzjoni mmeddjata u rrizultalha illi dan il-katnazz verament kien sar minn Daniel Dalli u dan dejjem biex jigi evitat access ta' nies barranin milli jidhlu fil-propjeta' tieghu u fl-*area* tar-raba' tar-razzett.

Daniel Dalli stqarr lil Pulizija, li kien osserva li diversi oggetti ta' valur, kienu propjeta' tal-familja tieghu, kienu naqsu mir-residenzi illi kien hemm f'dan ir-razzett.

Spettura Maria Stella Cutajar xhedet illi l-Pulizija kienet wissiet lil Daniel Dalli biex inehhi l-katnazz u dan kien ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija u accetta t-twissija wkoll li

ma jersaqx lejn jew ma jdejjaqx lil Giuseppa Cassar. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi f'dan l-istadju kienet ghadha ma kellha ebda evidenza attwali dwar il-propjetarju tar-razzett li fih kienet tghix Giuseppa Cassar il-ghaliex il-familja Dalli kienet qed tghid li dik kienet propjeta' taghha waqt li Giuseppa Cassar ukoll kienet qed tivvanta dan it-titolu. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi hija kellmet lil Giuseppa Cassar diversi drabi u anka fit-tul sabiex tigi assigurata illi din l-anzjana kellha dak kollu illi kien necessarju. Kienet ukoll talbet ghal *Victim Support Section* ta' l-*Vice Squad*, kif ukoll kienet cemplet lid-dipartiment ta' l-anzjani sabiex din l-anzjana jkollha dak kollu li huwa mehtieg. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi l-unika haga li verament xtaqet Giuseppa Cassar, kienet, illi Daniel Dalli ma jersaqx lejn il-parti tar-razzett fejn kienet qeghdha tghix hi.

In kontro ezami, Spettur Maria Stella Cutajar ikkonfermat illi kienu saru diversi allegazzjonijiet u cioe li din l-anzjana kienet qeghdha tigi sekwestrata u detenuta illegalment u li kienet qed tithalla tmut bil-guh ghal dawn l- ahhar tlett xhur. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi t-tlett imputati nnegaw dan kollu u li hija marret izzur lil anzjana Giuseppa Cassar diversi drabi. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi l-katnazz kien qieghed max-xatba ta' barra illi jifforma parti mill-*parameter wall* tal-*Farmhouse* u li ma kien hemm ebda katnazz fuq il-bieb tar-residenza ta' din ix-xwejha. Spettur Cutajar xhedet illi l-anzjana fil-fatt kienet accetat illi Paul Dalli jibqa' jorqod fir-residenza maghha. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet illi saret taf li Carmel Cachia kien l-iben naturali ta' Giuseppa Cassar. Spettur Maria Stella Cutajar xhedet ukoll illi Paul Dalli kien ukoll semmielha illi fil-propjeta' kien hemm ingenji.

PS 134 Joseph Attard (a fol.98 et. seq.), ikkonferma rapport minghand Nikol Cutajar dwar Giuseppa Cassar, fis-sens illi hija ma setghatx tohrog fir-residenza taghha il-ghaliex l-access ghar-residenza taghha kien maghluq. PS 134 Joseph Attard xhed li l- *complainant* Nicholas Cutajar qallu illi din l-anzjana Giuseppa Cassar kienet qed tigi arrestata gewwa darha llegalment. PS 134 Joseph Attard

xhed illi huwa kellem lil Daniel Dalli, li dan qallu li l-katnazz kien ghamlu max-xatba ta’ barra minhabba li certu nies kienu qeghdin jidhlu fil-propjeta’, jghabbu u jsuqu b’ diversi affarijiet propjeta ta’ l- istess Dalli u li fuq il-post huwa kellu certu ammont ta’ makkinarju. PS 134 Joseph Attard avza lil Daniel Dalli biex inehhi l-katnazz.

L-okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok.O

Marygrace Camilleri (a fol.105) xhedet illi hija tigi n-neputija ta’ Censina Dalli u li Giuseppa Cassar tigi z-zija taghha. Hija xhedet illi fiz-zmien illi kien hemm l-inkwiet, hija qatt ma ressqet lejn ir-residenza ta’ Giuseppa Cassar.

Anna Cachia (a fol.108) xhedet illi hija taf lill-imputati u li Vincenza Dalli kienet iz-zija tar-ragel taghha. Hija xhedet illi gieli marret id-dar ta’ Giuseppa Cassar u l-uniku haga li xtaqet din ix- xwejha kien li tkellem lit-tifel naturali taghha u cioe lil Charles Cachia. Mitluba tghid jekk kemm-il darba Giuseppa Cassar qatt talbitiex ghal xi ghajnuna, Anna Cachia xhedet illi kienu jzuruha diversi nies li l-unika haga li qatt qaltilha kienet li hija riedet tara lil Charles Cachia. A fol.111, Anna Cachia xhedet illi Giuseppa Cachia talbitha biex torqod maghha bil-lejl ghax kienet tibza’ toqghod wahidha matul il-lejl u li Anna Cachia ma accettatx ghax kellha l-familja taghha. Anna Cachia xhedet illi Giuseppa Cassar ma kinitx torqod wahedha il-ghaliex l-imputat Paul Dalli kien jorqod maghha. Mistoqsija jekk qatt kinitx tibza’ minn xi hadd jew li lmentatx li kienet qed tigi msakkra minn xi hadd, Anna Cachia nnegat illi Giuseppa Cassar qatt qaltilha dan id-diskors.

Carmel Cachia (a fol.115), ta’ 83 sena, xhed illi Giuseppa Cassar kienet ohtu u li kienet toqghod fil-kera tieghu. Testimonjanza tieghu (a fol.116) xhed illi t-tifel ta’ Giuseppa Cassar kien wissieh biex lil ohtu ma jhallihiex tbati. Kien ghalhekk li mar izur lil ohtu u din kienet qaltlu li ma kinitx qeghdha sewwa hemmhekk, pero’ ma spjegatlux aktar u ghaldaqstant huwa kien stedina tmur tghix mieghu.

A fol.128, Dr. Ludwig Caruana, nominat bhala Magistrat suplenti, pprezenta x-xhieda ta’ Giuseppa Cassar.

Giuseppa Cassar, (a fol.131) xhedet illi hi kienet maqfula go darha ghal xaharejn shah u dana wara li kien miet Emanuel Cachia li jigi t-tifel ta’ ohtha, Vincenza Dalli. Hija stqarret illi kien Daniel Dalli li kien qafilha go darha permess ta’ katnazz max-xatba ta’ barra tar-razzett u li f’din il-kundizzjoni hija damet ghal xaharejn fejn ma setghat tkellem lil hadd. Xhedet illi hija kienet tiekol ikel ippreservat illi kellha stivat f’darha. F’gheluq ix-xaharejn illi kienet maghluqa gewwa, mit-tieqa tal-kamra ta’ barra li tigi faccata x-xatba msakkra, kien tfacca certu Nikol mis-Siggiewi, Supretendent tal-Pulizija, li kien gie izurha u gabilha *cake*. Kien qalilha illi kien telgha b’dan il-*cake* xi disgha (9) darbiet u li dejjem sab il-bieb maqful bil-katnazz. Qalilha li l-*cake* kien ser jiehdu il-ghaliex ma setghax ihallieh barra hdejn ix-xatba ghax kien jiehdu xi hadd u telaq. It-tieni darba kien rega’ gie l-istess Nikol u qalilha:

*“ ‘Guz naghmlu bicca flimkien?’ Ghedtlu, ‘X’naghmlu Nikol?’ Qalli, ‘Jiena sejjer illejla l-Ghassa nirraporta sabiex dan il-bieb jinfetah.’ Jien lil Nikol ma ghedtlux li kont imsakkra hawn gew. Nikol qalli jiena kont imsakkra bil-katnazz. Kieku ma kienx hekk kieku kien jidhol gewwa bil-cake u dan bhalma kien jigi hawn drabi ohra.”* (ara xhieda a fol.134)

Giuseppa Cassar xhedet illi fil-fatt filghaxija gew il-Pulizija u x-xatba nfethet. Giuseppa Cassar xhedet illi t-tifel tan-neputi taghha, Clayton Cachia, li kien anka gieli raqad maghha, gie mkecci mir-razzett u qatt ma mar lura. Giuseppa Cassar xhedet illi wara li kien miet Emanuel Cachia, l-imputat Daniel Dalli kien jigi jhabbat bil-ponn fuq it-tieqa taghha biex iqajjimha u li kienet taghmel iljieli ma torqodx minhabba dan it-tahbit. Giuseppa Cassar xhedet illi f’Settembru 1999 ix- xatba kienet miftuha u setgha jidhol kulhadd, anki bil-karozza.

Emanuel Cachia miet fit-28 ta’ Settembru 1999 u ftit wara kien twahhal il-katnazz max-xatba. Infatti Giuseppa

Cassar tghid illi qatt ma rat dawn il- katnazzi, pero’ kienu qalulha bihom in-nies. Cassar tghid illi fix-xaharejn illi kienet imsakkra, l-imputat Paul Dalli kien jorqod maghha fl-ewwel kamra ta’ barra u li l-imputata Censina Dalli kienet raqdet darba wahda biss. Giuseppa Cassar xhedet illi Censina Dalli kienet tigi r-razzett taghlef xi moghoz u li fil-mahzen ta’ dan ir-razzett kien hemm ziemel, debba u baqra u wkoll xi tigieg. Cassar ilmentat illi kien jigi jhabbtilha mat-twieqi mit-tmienja ta’ filghaxija (8:00p.m.) sa l-erbgha ta’ filghodu (4:00a.m.) u kien jaghmel dan ta’ kuljum u li anka bin-nhar kien jigi wkoll ihabbat mat-twieqi. A fol.138, Cassar xhedet illi Censina Dalli qatt ma kienet hadmet f’dan ir-razzett. A fol. 138, id-Difiza rregistrat verbal fejn iddeplorat atteggjament aggressiv u nsolenti da parti ta’ Giuseppa Cassar lejn id-Difiza. A fol.139, Giuseppa Cassar ikkonfermat illi Father Berry kien jigi jqarrbina f’dawn ix-xaharejn li kienet maqfulha u kien qararha wkoll. A fol.141, Giuseppa Cassar xhedet illi wara l-mewt ta’ Emanuel Cachia, illi hi flimkien ma’ ohtha Vincenza u binha Paul Dalli kienu wirtu lill-istess Emanuel Cachia, u li pero’ ma hadet xejn minn dan il- wirt. A fol.142, Giuseppa Cassar tkompli tghid illi Emanuel Cachia ma ghamilx testament. Cassar innegat illi Paul Dalli kien jghix maghhom u qalet illi kien joqghod fil-kamra ta’ barra. Cassar xhedet illi wara l-mewt ta’ Emanuel Cachia, Vincenza Dalli ma kinitx giet torqod maghha izda Carmen, it-tifla ta’ Vincenza Dalli, gieli raqdet maghha. Cassar cahdet illi hija kienet qalet lill-Ispettur Maria Stella Cutajar, illi xtaqet lil Paul Dalli jorqod maghha, innegat ukoll illi hi kienet baghtet ghal binha Charles, sitt (6) xhur wara li miet Emanuel u xhedet is-segwenti:

*“Ibni Charles trabba fl-istitut ta’ St. Patrick’s. Jiena kont naf fejn qieghed jitrabba Charlie peress li kont immur narah. Lil Leli rabbejtu jiena u lil ibni Charlie sakkartu peress li ma kontx niflah ghat-tnejn. Charlie beda jigi hawnhekk cirka gimaghtejn wara li miet Leli.”* (ara xhieda a fol.143)

Cassar tghid is-segwenti:

*“Charlie telaq minn St. Patrick’s; meta ghalaq tmintax-il sena. Meta zzewweg huwa mar joqghod mal-mara. La kelli lil Leli jiena x’kont nambih mieghi lil Charlie.”* (ara xhieda 143).

Giuseppa Cassar innegat illi Daniel Dalli kien igibilha ikel u xhedet illi Vincenza Dalli kienet iggibilha biss xi zewg bajdiet u xi laring u mhux ta’ kuljum. Lanqas ma kien veru illi Paul Dalli kien jghinha billi jaghmillha xi xirja. Qalet illi kien igibilha biss xi *fish and chips* jew xi hobza. Lanqas ma qatt tat lil Paul xi flus halli jmur jixtrilha l-laham minghand tal-Fattu. Giuseppa Cassar kompliet tinnegga illi Paul u huh Michael qatt ma haduha sal-*policlinic* ta’ Rahal Gdid meta wegghet saqajjha. Cassar ikkonfermat (a fol.144) illi Father Berry kien jigi kull nhar ta’ Hadd u meta kien jigi kienu jifthulu l-bieb, pero’ nnegat li dan kien jigri meta kien jigi tal-hobz jew tal-luminata. A fol.145, hija qatt ma setghet tmur sar-rixtellu il-ghaliex saqajjha kienu jugawha. Ikkonfermat illi l-ex assistent kummissarju Cutajar, kien jigi jzurha, mal-mara tieghu, kull nhar ta’ Hadd u qalet illi fost il-gimgha, dan qatt ma kien jigi jaraha. Ftit wara Cassar xhedet illi l-assistent kummissarju kien jigi fost il-gimgha biex jara lil Leli u anka kien jigi fost il-gimgha wara li miet Leli. Mistoqsija jekk qatt irregalatx lill-ex assistant kummissarju Nikol Cutajar l-arglogg tal-kampnar antik, Cassar wiegbet illi kien Leli illi kien ta l-arlogg tal-kampnar antik lil Nikol Cutajar (ara xhieda a fol.146). Ikkonfermat ukoll illi l-assistent kummissarju Cutajar darbtejn kien talabha ghal gradenza antika:

*“Pero’ jiena ma tajtielux peress li din tieghi. Il-gredenza minn ta’ ommi u minn ta’ missieri u mhux minn ta’ Dalli.”* (ara xhieda a fol.147)

Giuseppa Cassar innegat illi hija kienet ghamlet xi haga dwar id-deheb ta’ Emanuel Cachia, anzi tghid illi dan qatt ma kellu hajta deheb. Innegat illi hija kienet baghtet id-deheb ta’ Emanuel Cachia lil certu Joanne ta’ l-Awstralja illi kienet habibha taghha. Muriha Dok.LC5, Giuseppa Cassar innegat illi qatt ircievet xi kartolina li giet murija. Innegat ukoll dak li intqal mill-Ispettur Cutajar dwar dak illi gara fil-konfront ta’ Clayton u dana il-ghaliex, meta kienet

kellmet lill-Ispettur Cutajar, Paul kien ghadu ma kecciex lil Clayton. Giuseppa Cassar xhedet illi fir-residenza taghha ma ghandiex luce eletrika u li tuza l-lampi tal-gas.

Dok.LC5 hija fotokopja ta' kartolina fejn certu Janice qeghdha tirringrazzja lil Giuseppa bil-kliem:

*"THANK YOU, very very much for sending Leli's ring for me. I love it, and promise to take lots of care of it."* (ara fol.156)

L-imputata Vincenza Dalli (a fol.162 et seq.) xhedet illi r-razzett meritu ta' l-akkuza, kien propjeta' tat-tifel taghha Emanuel Cachia u dana minhabba illi qabel huma kienu joqghodu Kalafrana u kienu nghataw ir-razzett minghand il-Housing. It-tifel taghha Leli kien jiehu hsieb Giuseppa Cassar il-ghaliex din ma kinitx tiflah, ma kinitx tista' timxi u kien hemm diversi annimali li kienu jinzammu fil- dintorni tar-razzett. Vincenza xhedet illi hija kienet tkun fl-inhawi tar-razzett il-ghaliex hija kienet tahdem ir-raba' u l-eghlieqi ta' madwaru u kienet tkun tindokra l-moghoz u t-tigieg u kienet taghmel dan flimkien ma' Leli meta dan kien ghadu haj. Dawn l-annimali kienu ghadhom hemm sal-gurnata tal-lum u li hi ghadha talifhom. Apparti li Paul ikun f'dan ir-razzett, Catherine, *nurse,* biex tigi biex idewwi saqajn Giuseppa Cassar. Kienet ukoll tmur it-tifla taghha Carmen sabiex taghmlilha xi qadja meta hi, Vincenza ma setghatx. Din il- hidma kienet ilha ghadejja xi erba' (4) snin.

Xi sena wara li miet Emanuel Cachia, kienet tmur taraha l-mara ta' Nikol Cutajar, li skond Vincenza Dalli kienet hi li gelldithom (ara xhieda a fol.167). Vincenza Dalli xhedet illi din is-sinjura Cutajar kienet marret izzur lil ohtha meta Vincenza kienet prezenti u Cutajar kienet qalet lil Vincenza "*Hawnhekk ta' ohtok mhux tieghek.*" Vincenza Dalli xhedet illi hija rrispondietha illi Emanuel Cachia kien it-tifel taghha u tghid illi minn hemmhekk beda l-inwkiet. Vincenza Dalli xhedet illi Cutajar bdiet tghidilha illi Emanuel Cachia kien weghedha l-gredenza. Vincenza Dalli xhedet illi wara din kienet qamet kwistjoni u fil-fatt din il-kwistjoni spiccat billi s-sinjura Cutajar kienet telqet 'il barra. Vincenza Dalli xhedet illi kienu jigu hafna nies jzuru

lix-xwejha Giuseppa Cassar u li kulhadd kien igorr l-affarijiet minn hemm:

*"Dejjem hergin bil-basktijiet mimlija."*

Vincenza Dalli xhedet illi Giuseppa Cassar bdiet tifissa illi dak kollu li kien hemm fir-razzett, inkluz il-bhejjem u l-ingenji u r-raba kien kollox taghha. A fol.172 u fol.173, Vincenza Dalli kkonfermat illi l- ingenji tar-raba' kienu mutur tal-hart, trakk, pompa ta' l-ilma u *mixer* tal-konkos.

Illi gie ezebit Dok.VD, ritratti tat-tfal kollha ta' Vincenza, Daniel Dalli u nkluz Emanuel Cachia.

Vincenza Dalli kkonfermat illi Charlie Cachia, t-tifel naturali ta' Giuseppa Cassar, qatt ma resaq lejn ir-razzett meta kien ghadu haj Emanuel Cachia. Wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, kien baghadt ghalieh Nikol Cutajar. Meta gara dan imbaghad, "*Lilna bdiet tarana dubbien, u qatghatna 'l barra…dahlet lilhom u 'l barranin, u lilna ma riditx tarana.*" (ara xhieda a fol.175)

Vincenza Dalli xhedet illi hija qatt ma ghalqet il-katnazz u kienet dejjem issakkar il-firroll. Innegat illi Giuseppa Cassar qatt qaltilha li riedet tohrog minn hemmhekk jew kliem f'dan is-snes. Vincenza Dalli (a fol.177) qalet illi llum il-gurnata kien sar ftehim importanti mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-propjeta' ta' dan il-razzett u r-raba', fis-sens illi Giuseppa Cassar kellha tibqa' tghix f'dan ir-razzett sal-mewt taghha. Wara dan, ir-razzett jaqa' f'isem Vincenza Dalli bhala werrieta ta' binha Emanuel Cachia. Vincenza Dalli kompliet tghid illi Nikol Cutajar, wara l-mewt ta' Emanuel Cachia kien imur izur lil Giuseppa Cassar xi tlett (3) darbiet fil-gimgha. Vincenza Dalli xhedet illi wara illi l-imputati gew mitkellma mill-Pulizija, dan Cutajar qatt ma resaq aktar lejn Giuseppa Cassar. Vincenza Dalli xhedet illi wara l-mewt ta' binha, Emanuel Cachia, kienet bdiet tmur hi torqod ma' Giuseppa Cassar u mbaghad wara dan, beda jorqod binha Paul Dalli. Kien hemm zmien pero' meta Giuseppa Cassar kienet sakkret il-bieb minn gewwa u ma hallietx lil Paul Dalli jidhol iktar u bdiet idahhal lil barranin u cioe l-habibha taghha Doris Camilleri. A

fol.187, Vincenza Dalli nnegat illi qatt ghamlet xi katnazz mar-rixtellu ta’ barra, innegat illi hija qatt hedded jew sakkret lil Giuseppa Cassar, anzi qalet li hi u Giuseppa Cassar kienu trabbew flimkien u li hija kienet dejjem indukratha u li dak li gara, kien gara minhabba l-mara ta’ Cutajar. Vincenza Dalli nnegat illi Giuseppa Cassar qatt kienet imwerwra fil-prezenza taghha. Mitluba tghid il-ghaliex Giuseppa Cassar kienet keccietha, Vincenza Dalli xhedet illi dan ghamlitu sabiex idahhal lil barranin u cioe lil Doris. Mitluba tghid il-ghaliex allura saru dawn ir-rapport kollha fl-Ghassa tal-Pulizija, Vincenza Dalli xhedet illi dak kien imur jaghmilhom binha Charles Cachia.

A fol.114, Paul Dalli, iben Vincenza u Daniel Dalli, ta t-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti. Huwa kkonferma l-*istatement* li ghamel mal-Pulizija (a fol.59 tal-process) wara li din giet moqrija lilu. Paul Dalli xhed illi meta huma kienu zghar, hu, flimkien mal-genituri tieghu kienu jghixu f’*Farmhouse* hdejn il-Freeport u li z-zija tieghu, Giuseppa Cassar ukoll kellha *Farmhouse,* apparti minn taghhom, f’dawk l-akwati.

Il-genituri tieghu, Vincenza u Daniel Dalli, wara xi zmien kienu jiddeciedu li jmorru jghixu lejn Birzebbugia minhabba li kellhom hafna tfal u Vincenza Dalli kienet iddecidiet illi taghti r-razzett, bir-raba’ b’kollox lil Emanuel Cachia. Meta sar l-izvilupp tal-*Freeport*, iz-zewg irziezet twaqqaw u Emanuel Cachia kien applika sabiex il-Gvern jatih bicca art minflok ir-razzett u fil-fatt gie moghti dan il-razzett f’Benghajsa.

Paul Dalli xhed illi meta Vincenza Dalli kienet tat lil Emanuel Cachia r-razzett, il-*Freeport*, kienet halliet l-ghamara kollha u l-ingenji. Paul Dalli xhed illi, hu flimkien ma’ missieru kienu imur jghin lil huh, Emanuel Cachia, sakemm bnew il-kmamar u l-istalel tal-*Farmhouse* tal-Benghajsa u bdiet ukoll tinhadem ir-raba. Paul Dalli xhed illi ommu Vincenza kienet dejjem hadet hsieb ta’ ohtha, Josephine Cassar, il-ghaliex din kienet ftit handicap u gara li, peress li kienet tghix wahedha, Manuel Cachia ddecieda illi jtiha kamra fir-razzett, f’Benghajsa u marret tghix mieghu. Paul Dalli xhed illi meta miet huh, Emanuel

Cachia b' *accident*, meta inqaleb it-trakk tieghu go barriera, hu beda jitla' Benghajsa ghand zitu Giuseppa Cassar sabiex ma jhallihiex torqod wahedha. Ftit wara li miet Emanuel Cachia, Giuseppa Cassar bdiet tghid lil Paul Dalli illi kulma kien hemm fir-razzett kien taghha. Paul Dalli xhed illi anka fil-prezenza ta' l-Ispettur, Giuseppa Cassar, kienet qalet li riedet lilu, Paul Dalli biex jorqod fir-razzett sabiex hi ma tkunx qeghdha wahedha. Paul Dalli xhed illi hu kien jaghmlilha l-qaghdi kollu, kien jixtrilha l-pinolli minn Rahal Gdid, kien jixtrilha l-laham u a parti minn dan, huwa kien jiehu hsieb il-bhejjem li kien rabba huh u cioe ziemel, debba, moghoz u tigieg u li kienet tghinu l-mama tieghu, Vincenza Dalli. Wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, Paul Dalli xhed illi huma kienu jitilghu hemmhekk halli jahdmu r-raba. Paul Dalli xhed illi ftit wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, bdew jidhlu hafna nies f'dan ir-razzett u kien jidhol ukoll Cutajar, "Qisu tieghu." Kienet tmur anka l-mara tieghu u kienu jibdew jillatikaw ma' ommu, Vincenza Dalli. Paul Dalli xhed illi sahansitra, l-mara ta' Nikol kienet bdiet tghid lil ommu, Vincenza Dalli, illi hi ma kellha xejn hemm gew. Apparti illi Giuseppa Cassar kienet qed tibda' tghid illi kulma kien hemm hemm gew kien ta' propjeta' taghha, Paul Dalli xhed illi huma kienu nkwetanti il-ghaliex Giuseppa Cassar kienet qeghdha taghti l-affarijiet minn gor-razzett lil dawn il-barranin. "Kellu curkett hija, dan tal-precett, qabdet u tatuli kien tad-deheb. Kienet xtratuli ommi meta kont zghir. Taghti l-affarijiet lin-nies." (ara fol.202) Tant hu veru li din l-istess kugina kienet baghtet kartolina biex tirringrazzja lil Giuseppa Cassar (ara fol.207). Infatti, Giuseppa Cassar, kienet qassmet il-hwejjeg kollha ta' Emanuel Cachia; "*U lanqas hallewlha qalziet u qmis, xejn kollox kaxkrulu."* (ara fol.207) Paul Dalli xhed illi:

"*Illi dana kien qed jigi hemm biex jakkwista. Kien hemm gredenza u bicctejn ghamara antika, issa dawk kienu ghamara antika illi kien hemm kollox u li kellu hija fejn kien joqghod qabel lejn Kalafrana. Dawn kollox hwejjeg ommi. Dak kollox kien kaxkrilha lil ommi kellha arlogg ta' antikita'. Dawk kollha qeghdin ghandu, l-ghamara kwazi li ghandu antika dik kollox ta' ommi li kellu ghalhekk kien jigi hemm."* (ara fol.207.)

A fol.209, Paul Dalli xhed illi ftit wara li miet Emanuel Cachia, Nikol Cutajar kien beda izur lil Giuseppa Cassar, flimkien ma binha naturali Charles Cachia. Paul Dalli xhed illi dan it-tifel, huwa qatt ma kienu rawh b'ghajnejhom il-ghaliex dan kien qatta hajtu shiha f'Istitut.

Kif gie Charles Chachia; "*Qabad jaqla' l-inkwiet u l-guai.*" (ara xhieda a fol.210)

Paul Dalli xhed illi sahansitra Charles Cachia kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija illi l-*concrete mixer* kien tieghu. Paul Dalli xhed illi ma kienx sar katnazz mal-*gate*, tant hu hekk illi l-qassis Father Berry kien jidhol wahdu, kif kien jidhol kulhadd. Hekk, per ezempju, kien jidhol tal-hobz, kien jigi tal-pitrolju u tal-luminata. A fol.215, rega' kkonferma: "*Le jien qatt ma rajt katnazz u qatt ma ghamilt katnazz hemmhekk max-xatba.*" A fol.216 u fol.217, Paul Dalli spjega illi l-bicca l-kbira kien hu illi jorqod ma' Giuseppa Cassar u meta kien ikun ser johrog, kienet daqqa tinzel ohtu Carmen Micallef u daqqa kienet tinzel ommu Vincenza. Huwa xhed illi Giuseppa Cassar kienet tbati biex timxi izda kellha *pram* u kienet tuza din sabiex isserrah maghha u kienet tinzel sax-xatba u toqghod titkellem. A fol.216 jinnega illi qatt zamm lil Giuseppa Cassar milli tohrog mill-bieb 'il barra jew ra lil missier jew lil xi hadd tal-familja jaghmlu hekk. Paul Dalli kkonferma l-ftehim li ntlahaq mad-Direttur ta' l-Artijiet fuq id-dritt ta' abitazzjoni illi gie salvagwardjat lil Giuseppa Cassar. Paul Dalli xhed illi hadd qatt ma cahhadha minn xejn lil Giuseppa Cassar, anzi kien jghidilna biex jehodha dawra fil-karozza tieghu, haga li lanqas it-tifel taghha qatt ma ghamel. Illi fil-*Christmas* kien iddecieda illi jsiefer u mar Praga ghal jumejn u meta gie lura minn barra kien sab li Giuseppa Cassar kienet biddlet is-serraturi tad-dar u ma setghax jidhol u kien mar jaghmel rapport lil Pulizija u minn hemmhekk u beda jghix fil-*garage*. Infatti kienu bdew proceduri kriminali kontra Giuseppa Cassar izda Paul Dalli qal illi dawn il-proceduri kien waqqaghhom bhala sinjal ta' buona fede.

L-imputat Daniel Dalli (a fol.225) xhed illi missier il-mara tieghu kien tah razzett fejn mar jghix ma' martu u li, fil-vicinanzi, kien hemm razzett iehor fejn kienet tghix oht il-mara tieghu u cioe Giuseppa Cassar:

*"Konnha bicca wahda. Konnha familja wahda nsomma."*

Daniel Dalli xhed illi ibnu l-kbir, tifel naturali tieghu, Emanuel Cachia, kien jinsab fuq xoghol il-Libja u sabiex ma jibqax isiefer Daniel Dalli kien tah ir-razzett tieghu u kien mar jghix fi *flat* tal-Gvern. Sussegwentement bl-izvilupp tal-*Freeport*, il-Gvern kien ha r-razzett li kien ta lil Emanuel Cachia, kif ukoll ir-razzett ta' Giuseppa Cassar u gew kompensati b'sebat elef lira (Lm7000) kull wiehed. Emanuel Cachia pero' kien applika u inghata bicca art f'Benghajsa, u cioe ir- razett meritu ta' l-akkuza. Daniel Dalli jghid illi huwa kien ta l-ghamara kollha tar-razzett lil ibnu Emanuel Cachia. Daniel Dalli xhed illi Emanuel Cachia kien iddecieda li jiehu lil Giuseppa Cassar tghix mieghu fir-razzett ta' Benghajsa. Wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, Daniel Dalli jghid illi kien pero' jigi Nikol Cutajar:

*"U gorr u jiehu kollox jidhol bil-karozza u jiehu arloggi antiki u hekk."* (ara xhieda a fol.225)

Infatti kien ha zewg (2) arloggi antiki, wiehed tal-bozza u iehor tal-kampnar. Ftit wara kienet giet mart Nikol Cutajar u bdiet titlob lil Giuseppa Cassar ghal gredenza antika. Din ukoll kienet propjeta' ta' ibnu Emanuel Cachia. Daniel Dalli xhed illi darba minnhom dahal id-dar u sab lil martu, Vincenza tibki u din qaltlu biex ikecci lil mart Nikol Cutajar il- barra, il-ghaliex din kienet qed tghidilha f'wiccha li hemmhekk ma kellha xejn. Dalli xehed li hekk ghamel. Daniel Dalli xhed illi dak il-hin Giuseppa Cassar taghtu ragun u qaltlu illi kienu qed idejquha jigu wara nofsinhar u li kien messu ilu li ghamel katnazz max-xatba. Daniel Dalli xhed illi wara nofsinhar kien gie Nikol Cutajar u Giuseppa Cassar kienet qaltlu illi ma setghax jidhol ghax Daniel Dalli kien ghamel katnazz. Daniel Dalli xhed illi kien semgha lil Nikol Cassar jghidilha l-kliem:

*"Iva? Issa nirrangah lil Daniel u lit-tifla u dan."* (ara xhieda a fol.227)

Kien gie Pulizija u li kien gibed l-attenzjoni lil Daniel Dalli fuq il-katnazz u Daniel Dalli rrispondieh illi kien diga' nehhieh. A fol.228, Daniel Dalli nnega illi huwa qatt sakkar lil Giuseppa Cassar u ma hallihiex tohrog. Daniel Dalli xhed (a fol.228) illi kien beda jigi jzur lil Giuseppa Cassar, binha naturali Charles Cachia. Wara xi erbat (4) ijiem dan Cachia beda jghid illi kulma hemm kollox kien ta' ommu u li huma kellhom jitilqu minn hemmhekk. Daniel Dalli xhed illi Charles Cachia kien jahdem it-*Times* u ftit wara deheru fuq il-gazzetta, l-akkuza li hu u l-membri tal-familja tieghu kienu ghalqu Giuseppa Cassar u sakkruha gewwa. Din in-*newspaper cut* giet ezebita u mmarkata  bhala Dok.DD1. Daniel Dalli nnega dana kollu u qal illi kienu jigu zewg (2) tobba jzuruha, kien jigi tal-hobz kuljum, tal-petrolju, tal-luminata u kienu jigu hafna nies izuruha. Daniel Dalli xhed illi huwa qatt ma mmolesta' jew dejjaq lil Giuseppa Cassar. Daniel Dalli xhed illi wara dan Giuseppa Cassar bdiet tghidilhom biex jitilqulha 'l barra minn hemmhekk u kienu bdew isiru hafna rapporti l-Ghassa tal-Pulizija mit-tifel taghha, inkluz, per ezempju, illi kien hemm magna tal-*concrete* u cioe wahda mill-ingenji li kienu ta' Charles Cachia fir-razzett illi sahansitra hu kien mar jaghmel rapport dwarha. Daniel Dalli nsista illi, minhabba Giuseppa Cassar, wara l-mewt ta' Emanuel Cachia, bdiet tippretendi illi kulma kien hemm fir-razzett kien taghha, kienet bdiet taghti il- mobbli, propjeta' ta' l-istess mejjet Emanuel Cachia, lil Nikol Cutajar. Mitlub jghid il-ghaliex allura l-anzjana, Giuseppa Cassar, kienet tibza' minnu, Daniel Dalli rrisponda illi Nikol Cutajar u t-tifel ta' Giuseppa Cassar, Charles Cachia kienu kontra tieghu. Daniel Dalli xhed illi, sahansitra, d-deheb ta' ibnu Emanuel gie mibghut l-Awstralja minn Giuseppa Cassar (ara a fol.231). Daniel Dalli xhed illi sussegwentement Charles Cachia kien ghamel katina u katnazz fuq il-parti ta' gewwa tal-bieb fejn Giuseppa Cassar kienet tghix u b'hekk hadd ma setgha jidhol fil-parti tar-razzett fejn kienet qed tghix Giuseppa Cassar. Daniel Dalli kkonferma l-*istatement* li huwa kien ghamel mal-Pulizija.

Benedict Farrugia (a fol.240 et seq.) xhed illi huwa kien ilu jbiegh il-pitrolju ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena fl-*areas* ta’ Birzebbugia u li kien imur hu jbiegh il-pitrolju lil Giuseppa Cassar darba kull gimghatejn. Biex jaghmel dan huwa kien: *“Niftah ix-xatba, nimbuttaha, nidhol, jekk insibha nidhol, jekk insibha maghluqa nibqa’ sejjer.”* Mitlub jekk qattx kien hemm xi perijodu jekk sabx ix-xatba msakkra, Farrugia xhed is-segwenti:

*“Le qatt ma niftakar hekk jien. Dejjem niftah u nidhol. Meta nsib ix-xatba maghluqa nibqa’ sejjer.”* (ara fol.241)

Anthony Vella (a fol.246) ikkonferma illi huwa kien ibiegh qaghaq, krustini u galletti lil Giuseppa Cassar. Kien jidhol hemmhekk darba kull nhar ta’ Tnejn. Ikkonferma li hu dejjem dahal gewwa mill-ghatba gieli kien isib il-firroll u hi stess kienet tghidlu, “Iftah u idhol.” Mitlub jghid jekk qattx kien hemm f’xi perijodu li pprova jidhol u ma setghax, Anthony Vella xhed:

*“Le dejjem dhalt jien.”* (ara xhieda a fol.247)

Josephine Barbara (a fol.250) ikkonfermat illi hija kienet tmur ghand Giuseppa Cassar biex tghinna u tahslilha l-hwejjeg u affarijiet ta’ din in-natura. Ikkonfermat (a fol.251) illi dejjem sabet ix-xatba miftuha, hi kienet thabtilha u mbaghad Giuseppa Cassar kienet tifhilha minn gewwa. Illi hi damet tmur ghandha sa l-2000. Mistoqsija kemm-il darba Giuseppa Cassar kinitx imbezza jew talbitiex ghall-ghajjut, Josephine Barbara (a fol.252) irrispondiet: “*Le lanqas xejn.*”

Joe Polidano (a fol.258) xhed illi Giuseppa Cassar li kienet toqghod fir-razzett faccata tieghu u li kien jaraha xi erba’ (4) darbiet kuljum il-ghaliex: “*Giet toqghod quddiemi, faccata tieghi, tefgha ta’ gebla, b’gebla kont nolqotha.*” (ara xhieda fol.259). Ikkonferma illi gieli kienet tibghatu jixtrilha, kienet tahsillu xi bicctejn hwejjeg u gieli wkoll taghtu x’jiekol. Minhabba li ma kelliex dawl, meta kien

imur jixtrilha l-laham, kien iqieghedulha fil-*fridge* tieghu. Pero’ kien cert illi Paul Dalli kien imur jorqod maghha bil-lejl, Daniel Dalli kien ikun fil-*garage* u kien jara lil Vincenza Dalli kuljum, li kienet tmur tara lil Giuseppa Cassar u il-ghaliex kienet tahdem ir-raba u kellha xi erba (4) moghziet. Mitlub jghid jekk kemm-il darba qattx kien hemm ix-xatba msakkra, Joe Polidano jghid:

“*Le le mhux veru ghax jien meta qtilt gamiema u waqghet go taghhom, qbadt ftaht u dhalt qatt ma sibt katnazz jew hekk.*” (ara xhieda a fol.262)

Polidano xhed illi kien jaf lil Nikol Cutajar, infatti kien jidhol ghand Giuseppa Cassar b’xi *cake*. Polidano jghid illi Nikol Cutajar kien jigi wkoll bil-mara u bit-tifla tieghu ghand Giuseppa Cassar. Polidano kkonferma illi kien jigi Father Berry iqarben lil Giuseppa Cassar. Polidano xhed illi qatt ma ra lil xi hadd mill-imputati jzomm lil xi hadd milli jidhol ghand Giuseppa Cassar u kkonferma illi sitt (6) xhur wara li miet Emanuel Cachia, kien beda jigi jzur lil Giuseppa Cassar, binha naturali Charles Cachia. Illi dan qatt ma kien rah fl-akwati.

Anthony Deguara fix-xhieda tieghu (a fol.268) gab l-informazzjoni zbaljata.

Michael Dalli (a fol.270) ikkonferma illi r-razzett ta’ Benghajsa kien propjeta’ ta’ huh, il-mejjet Emanuel Cachia, u li kienet toqghod iz-zija tieghu Giuseppa Cassar. Ikkonferma x-xhieda ta’ l-imputati ghal dak illi jirrigwarda x-xatba u kif din kienet tinghalaq bil-firroll. Michael Dalli xhed illi x-xatba kienet tinghalaq biss bil-firroll u kellu cavetta biss tal-*garage* fejn kellu l-ingenji.

In kontro ezami, Michael Dalli baqa’ jsostni illi qatt ma ra ix- xatba maghluq u li hu kien jidhol u johrog meta u kif irid.

Susan Dalli (a fol.281) mart Michael, ikkonfermat illi wara l-mewt ta’ Emanuel Cachia, hi flimkien ma’ zewgha kienu jmorru filghodu ghand Giuseppa Cassar fil-*weekend* meta kien johrog Emanuel Cachia u dan sabiex jissosstitwuh.

Ikkonfermat illi Emanuel Cachia miet fit-28 ta’ Settembru. Susan Dalli baqghet taghmel dan kull *weekend* sakemm inqabdet tqila bit-tifla taghha. Ikkonfermat illi f’dak iz-zmien qatt ma rat katnazz max-xatba ta’ barra.

Carmen Micallef, bint Daniel Dalli, (a fol.204) ikkonfermat illi anka hi kienet tmur u torqod ma’ Giuseppa Cassar fil-*weekend* meta kien johrog Paul Dalli u dana sabiex l-anzjana Giuseppa Cassar ma torqodx wahedha. Ikkonfermat ukoll illi hija kienet tbiegh il-haxix, hija kienet iggibilha x-xirja tal-haxix kull gimgha. Ikkonfermat ukoll illi Catherine Bugeja, li tigi oht Carmen Micallef, kienet iddewwi saqajn Giuseppa Cassar il-ghaliex kellha ferita f’saqajha.

Albert Mamo, Kummissarju ta’ l-Artijiet, jaghti xhieda dettaljata dwar il-provenjenza tar-razzett u l-art li tigi f’tal-Kuncizzjoni f’Benghajsa u cioe r-razzett meritu ta’ l-akkuza. Albert Mamo jghid illi fid-23 ta’ Dicembru 1991 din il-bicca art kienet giet moghtija lil Emanuel Cachia bhala *farm site* minhabba li r-razzett tieghu kien gie affetwat mill-izvilupp tal-*Freeport*. Huwa xhed illi ma’ Emanuel Cachia kienet toqghod ukoll iz-zija tieghu Giuseppa Cassar illi pero’ ma gietx irrekonoxxuta. Wara l-mewt ta’ Emanuel Cachia, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet xhed illi kien irrikonoxxa lil Giuseppa Cassar *for housing purposes* u dana peress illi ma kienux jafu min kien l-eredi ta’ Emanuel Cachia. Meta saru jafu illi Emanuel Cachia kellu diversi hutu u ommu bhala eredi, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet irretifika s-sitwazzjoni billi rrikonoxxa id- dritt ta abitazzjoni ta’ Giuseppa Cassar sal-mewt taghha u insegwitu r-razzett jintiret minn Vincenza Cachia. Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet xhed illi fid-29 ta’ Settembru 1999, ir-rikonoxximent fuq din l-art kienet tghajjat lil Emanuel Cachia biss. A fol.294, fit-12 ta’ Frar 2001, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet kien irrikonoxxa lil Giuseppa Cassar fuq l-art kollha, imbaghad wara illi gew maghrufha l-eredi ta’ Emanuel Cachia, kien nehha dan ir-rikonoxximent ta’ Giuseppa Cassar fit-18 ta’ Gunju 2001. Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet ezebixxa r-rikonoxximent u dokumenti in sosten ghal dak kollu illi qal, inkluz il-korrispondenza fuq dan il-kaz u pjanta dettaljata.

P.L. Victor J. Bugeja (a fol.299) ezebixxa tmintax (18)-il dokument: Dok.VB1 sa Dok.VB18 li jinkludi l-kopja ta' l-kuntratti bejn Emanuel Cachia u id-Dipartiment ta' l-Artijiet, ircevuti mahruga mill-istess Dipartiment ta' l-Artijiet fl-isem Emanuel Cachia, kitba relattiva u diversi korrispondenzi.

Ikkunsidrat:

Illi t-tlett (3) imputati jinsabu mixlija bl-arrest illegali u is-sekwestru ta' persuna, reat mahsub fl-Artikoli 86 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"Kull min, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda l-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi voluminzu u kontenzjuzi ta' dan il-kaz sabiex isir ezami ghaqli fuq din l-akkuza serja fil-konfront ta' mara anzjana b'dizabilita'. Illi din il- Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi fil-fatt ma hemmx provi minghajr dubju dettat mir-raguni illi dan is-sekwestru kien sehh fir- realta'. Illi dan qieghed jinghad minghajr ebda dell fuq il- l- abilta' tal- Prosekuzzjoni sempliciment il-ghaliex din il-Qorti temmen u hija konvinta' illi, fir-realta, qatt ma kien hemm kaz ta' sekwestru jew arrest illegali tal-persuna ta' Giuseppa Cassar. L-isfond u c-cirkostanzi ta'

dan il-kaz huma bosta u huma konvoluti hafna. Il-Qorti tibda' biex tispjega illi Giuseppa Cassar, ghalkemm anzjana u tbati minn dizabilita, ma hijiex xi mara timida jew vulnerabbli, ghal kuntrarju x-xhieda taghha tirrefletti karattru kompletament divers fejn johrog lampanti certu ebusija tal-qalb u ta' karattru difficli. **In effett, kif johrog car daqs il-kristall fit-testimonjanza taghha, din l-istess Giuseppa Cassar kienet l-omm ta' Charles Cachia, iben naturali taghha, tifel illi kien abbandunat minnha minn tfulitu, ghex hajja imsakkar f' istituti waqt illi ommu (Cassar) ppreferiet trabbi t-tifel naturali ta' ohtha Vincenza Dalli u cioe Emanuel Cachia.**

Mill-provi kollha processwali jirrizulta nkontestat fix-xhieda kollha tal-process illi Giuseppa Cassar qatt ma giet imsakkra fir- razett li fih kienet tghix mill-ebda wiehed mill-imputati mixlija f'dan ir-reat. Jirizulta b' mod car **illi Daniel Dalli wahhal katnazz fuq ix-xatba ta' barra illi taghti access ghar-razzett** bl-iskop ewlieni li jwaqqaf lil Nikol Cutajar u martu milli jkomplu japprofittaw irwiehhom minn din ix- xwejha, billi jiehdulha ghamara antika, propjeta' tal-mejjet Emanuel Cachia, li t-titlu ta' wirt kienet t'aspetta lill-imputati. Din il- Qorti hi tal- fehma li din kienet ir- raguni ewlenija il- ghaliex l- Ufficjal Prosekutur l- Ispettur Maria Stella Attard ma inizjatx proceduri kriminali kontra l-imputati. Dawn il- proceduri fil- fatt gew inizjati permess ta kwerela u protest u biss wara li Charles Cachia (iben naturali ta Cassar) approfitta mill- impjieg tieghu mat-Times of Malta biex ippulicizza artiklu li mbaghad ipprecipita il- kawza odjerna.

Id-Difiza resqet diversi xhieda indipendenti biex tipprova li kien hemm diversi nies li kellhom access u fil-fatt ghamlu uzu minn dan l-access ghal Giuseppa Cassar fir-residenza meritu ta' l-akkuza. Dawn kollha taw it-testimonjanza taghhom u qalu illi fil-fatt kienu jaccedu ghal Giuseppa Cassar u li din qatt ma tat x tifhem illi kienet tinzamm kontra l-volonta' taghha f'darha. Hekk per ezempju hemm ix-xhieda ta' Benedict Farrugia, tal-pitrolju, illi kien imur darba kull gimghatejn; Anthony Vella, li kien

imur ibiegh il-qaghaq u l-affarijiet ta’ helu; Josephine Barbara, li kienet tmur taqdi li Giuseppa Cassar u Joe Polidano illi kien joqghod faccata ta’ Giuseppa Cassar illi kien jaraha xi erba’ (4) darbiet kuljum. Illi l-ebda wiehed minn dawn ix-xhieda qatt ma raw lil Giuseppa Cassar imbezza’ jew imwerwra, b’mod specjali qatt ma ntalabu jaghtu xi assistenza lill-istess Giuseppa Cassar. Illi x-xhieda ta’ Father Berry, probabilment li hija l-iktar wahda salienti. Father Berry, minkejja illi jghid illi dak iz-zmien, meritu ta’ l-akkuza, Giuseppa Cassar kienet skonvolta’ hafna, meta mistoqsi ripetutament minn Qorti, ma jasserixxi illi Giuseppa Cassar talbitu ghall-assistenza il-ghaliex kienet qed tigi mizmuma ssekwestrata f’darha. Dan il-qassis kien imur izur lil Giuseppa Cassar kull nhar ta’ Hadd u jqarara u jqarbina. Father Berry jiddikjara bil-gurament illi fiz-zmien citat fl-akkuza kien hemm katnazz tax-xatba u kienet tkun it-tifla ta’ l-imputati, Carmen li kienet tiftahlu. Pero’ huwa difficli li wiehed jimmagina illi karattru bhal dak ta’ Giuseppa Cassar ma ssibx mument biex tghaddi messagg lil Father Berry dwar il-kundizzjoni taghha u biex tghidlu biex jitlob minnufih ghall-assistenza tal-Pulizija.

Illi apparti dana kollu, din il-Qorti wiznet ukoll ic-cirkustanzi ta’ kif fil-fatt gie maghmul ir-rapport lil Pulizija dwar il-kaz ta’ Giuseppa Cassar. Bizzejjed illi jinghad illi dan il-kaz gie precipitat biss wara li Nikol Cutajar sab illi l-access ghal Giuseppa Cassar permezz tal-karozza tieghu gie mwaqqaf u biss wara illi Daniel Dalli kien kecca lil mart Nikol Cutajar mill-propjeta’ ta’ martu Vincenza Dalli u ta’ uliedu. In fatti, fit-testimonjanza ta’ Giuseppa Cassar, johrog car minn fomma illi hija qatt ma kienet qaltlu illi kienet qed tigi mizmuma u msakkra f’darha.

Illi dawn ic-cirkustanzi kollha u fl-isfond tad-dawl tal-provenjenza ta’ l-art, kif ben spjegat mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet, Albert Mamo, johrog abbastanza car illi Giuseppa Cassar kienet qed tigi influwenzata mill-familja Cutajar u mill-iben naturali Charles Cachia, sakemm anka hi bdiet temmen illi kulma kien hemm fir-razzett u r-raba ta’

madwaru kienu fil-fatt il-propjeta’ taghha u ghaldaqstant setghet taghmel bihom dak li riedet hi. Prova ta’ dan huwa x-xhieda stess ta’ Nikol Cutajar, specjalment, bir-riluttanza tieghu illi jaccetta illi Giuseppa Cassar fil-fatt kienet taghtu zewg arloggi antiki u l-inkonsistenzi fit-testimonjanza ta’ Nikol Cutajar meta mqabbla ma’ dik ta’ Giuseppa Cassar, ghal raguni il-ghaliex dawn l-arloggi gew mghoddija lilu, apparti l-kwistjoni ta’ gredenza antika.

Illi fid-dawl ta’ dawn ic-cirkustanzi, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputati ghal rigward ta’ l-ewwel akkuza.

Ghal rigward ta’ l-akkuza ta’ raggonfattasi, Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

*“Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita’ tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta’ l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Izda l-qorti tista’, fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa. ”*

Il-provi dwar it-tieni akkuza jiffukaw b’mod partikolari fuq l-agir ta’ l-imputat Daniel Dalli u mhux fuq iz-zewg imputati l-ohra.

Ix-xhieda ta’ PS 134 Attard, f’dan ir-rigward hija ta inportanza konsiderevoli u fil-fatt jghid illi Daniel Dalli fil-fatt ammetta mall-ewwel li kien hu illi wahhal dan il-katnazz ghal raguni kif spjegat aktar ‘il fuq sabiex jipprotegi l-propjeta’ ta’ martu milli tigi sparpaljata minn Giuseppa Cassar fuq Nikol Cutajar u l-familja tieghu.

Illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti (a fol.227) Daniel Dalli ghamel ammissjoni piena illi kien hu illi wahhal dan il-katnazz u jaghti spjegazzjoni shieha ghal- dak illi wasalu biex jiehu dan il-pass: u cioe il- protezzjoni tal- propjeta mobbli tal- familja tieghu milli tigi sparpaljata lil terzi.

Apparti dana kollu kien hemm ix-xhieda ta' Father Berry illi jasserixxi illi ra l-katnazz max-xatba diversi drabi.

Fil-fehma tal-Qorti, galadarba, Giuseppa Cassar kienet tirresjedi fir-razzett, l-imputat Daniel Dalli qatt ma setgha jaghlaq l-access ghar-razzett li fih kienet tirresjedi Giuseppa Cassar. Is- sokor permess ta katnazz fuq ix-xatba ta' barra tar- razett kien mezz reali illi bih Daniel Dalli iprevjena acess ta terzi ghal- din ix- xwejha. Ghalkemm din il-Qorti tifhem l-animu li bih Daniel Dalli wahhal dan il-katnazz max-xatba u cioe sabiex jipprotegi kontra serq ta' propjeta' ta' martu u ta' uliedu, din il-Qorti temmen illi l-mizuri illi ha Daniel Dalli ma kienux dawk adatti u proporzjonati.

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi illi kif Daniel Dalli gie mitkellem mill-Pulizija dan aderixxi ruhu minnufih ma l-ordni tal-Pulizija u nehha l-katnazz.

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni, bl-ebda mod ma ppruvaw illi z-zewg imputati l-ohra Paul Dalli u Vincenza Dalli hadu xi sehem attiv fi tqeghid ta' dan il-katnazz.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lit-tlett (3) imputati mhux hatja ta' l-ewwel (1) akkuza, ssib lill-imputati, Paul Dalli u Vincenza Dalli mhux hatja tat-tieni (2) akkuza, issib lil Daniel Dalli hati tat-tieni (2) akkuza u wara li rat Artikolu 85 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Daniel Dalli ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------